**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta' Jannar 2017**

Rikors Guramentat Nru. 53 / 16RGM

Kawza fil-lista: 10

**A H**
**vs**
**F K**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni flimkien li minnha twieldet il-minuri Q H nhar it-12 ta' April 2013;

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet sfaxxat u effettivament ir-rikonent mill-ewwel ha hsieb jipprocedi bi proceduri appoziti biex jirregola l-kura u l-kustodja, l-access u l-manteniment tal-minuri;

3. Illi fil-mori tal-medjazzjoni, il-partijiet ippruvaw, kemm-il darba jittransigu madanakollu minhabba intransigenza da parti tal-intimata, qatt ma intlahaq ftehim;

4. Illi bhala stat ta' fatt u wara digriet moghti minn din l-Onolabbli Qorti nhar il-5 ta' Marzu 2015 wara rapport u nota tal-Agenzija Appogg, ir-rikorrent ghandu l-kura u 1-kustodja esklussiva tal-minuri Q u fil-fatt l-istess minuri qieghda tirrisjedi mal-Missier, filwaqt li l-minuri u anke l-partijiet ghadhom qed jigu segwiti mill-Haddiema tal-Agenzija Appogg;

5. Illi bhala stat ta' fatt l-Omm intimata, gieli halliet perjodu konsiderevoli ta' zmien, qabel ghamlet xi tip ta' komunikazzjoni mar-rikorrent u talbet biex tara lill-minuri; u dan fuq ghazla taghha. Fattwalment l-access huwa sporadiku ghall-ahhar, minghajr l-ebda rutina ghall-minuri Q;

6. Illi effettivament meta l-Omm tinghata access. l-esponent ikun ferm inkwetat stante li fil-prezent u passat recenti, hija qed tkun f'kumpanija ta' nies li jabbuzaw mid-droga u dan kif anke ammess mill-istess intimata, mal-Haddiema tal-Agenzija Apogg li anke rrapportaw dan fir-rapport u n-nota li huma intavolaw quddiem din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi l-minuri ilha tirrisjedi esklussivament mar-rikorrent missier minn Marzu 2015, u wara 1-intervent ta' din l-Onorabbli Qorti, u huwa r-rikorrent wahdu li qed jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha ta' bintu; li filwaqt li l-intimata unilateralment iddecidiet illi ma tikkontribwixxi xejn ghall-bzonnijiet ta' bintha minuri u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet;

8. Illi 1-partijiet gew awtorizzati jipprocedu bir-rikors guramentat permezz ta' digriet moghti minn din 1-Onorabbli Qorti, datat 18 ta' Jannar 2016;

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkonferma d-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2015 u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Q H f'idejn ir-rikorrent, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahdu minghajr htiega tal-firma tal-intimata;

2. Tiffissa granet u hinijiet ta' access f'liema l-Intimata Omm ghandha tara lill-minuri u dan fl-ahjar interess tal-minuri. anke jekk ikun il-kaz taht is-Supervizjoni tal-Agenzija Appogg;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment ghall-minuri u dan sakemm l-istess taghlaq it-tmintax-il sena jekk tiddeciedi li tieqaf mill-istudji taghha u tibda tahdem fuq bazi full time jew sa tlieta u ghoxrin sena jekk tiddeciedi li tkompli bl-

istudji taghha fuq bazi full time u konsegwentement tordna lill-intimata sabiex thallas il-manteniment hekk kif likwidat; b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u dana flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-istess minuri;

4. Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimata, mill-impjieg jew xoghol li hija ghandha jew jista' jkollha, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li hija tista' tkun qed tircievi minn zmien ghal zmien;

5. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri Q, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-lista tax-xhieda pprezentati mar-rikors guramentat.

Rat in-nota tal-Agenzija Appogg ipprezentata fil-11 ta' Marzu 2016 u d-digriet taghha tat-18 ta' Marzu 2016;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Mejju 2016 li permezz tieghu issospendiet l-access tal-omm versu l-minuri sakemm ma tinghatax ordni ohra;

Rat in-nota tal-attur a fol 33 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu b'numru ta' dokumenti annessi;

Rat li ghalkemm debitament notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, l-konvenuta naqset milli tipprezenta risposta guramentata;

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-provi kollha migjuba quddiemha u quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia;

Rat l-atti tar-rikors generali 254/14RGM allegat mal-atti tal-proceduri odjerni;

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**;

**Xhieda**

L-**attur** jixhed bil-mezz tal-affidavit u jghid inter alia illi fiz-zmien meta ltaqa` mal-konvenuta, kien juza 1-coke u kien anke jpejjep 1-ismoke, u ma kellux mohh relazzjonijiet serji. Pero' kienu ghamlu erba' snin f'relazzjoni flimkien. Jghid li kellu proceduri kriminali ghaddejjin dak iz-zmien, u wara tmien xhur li bdew johorgu flimkien, kien ghamel tmien xhur habs.

Jghid li wara hafna insistenza minghand il-konvenuta u anke 1-avukat tieghu, kien accetta li jmur il-Program ta' San Blas (Tal-Caritas). Jghid li ghamel tliet xhur is-shelter u disa` xhur il-programm u wara madwar hames xhur fil-programm beda johrog kull nhar ta' Hadd u rega` beda jiltaqa' maghha. Dak iz-zmien kienu ghaddejjin tajbin u kuntenti flimkien u wara li lesta l-programm, F harget tqila.

Jghid li F kienet ammettiet li meta kien il-programm, kienet qalbitielu ma' tliet guvintur ohra, izda hi qaltlu biex jahfirilha u hekk kien ghamel habba t-tifla. Jispjega li t-tifla twieldet b'kundizzjoni jisimha *Ring Constriction Syndrome* u *Thumb Hypoplasia*. Jghid li l-konvenuta dak iz-zmien kienet tahdem bix-shift ta' bil-lejl qisu 3 jew 4 darbiet fil-gimgha, u hu kien jahdem ma' huh mal-gurnata. Ghalhekk hu kien joqghod mal-minuri bil-lejl, u hi mal-gurnata. Jghid illi wara li kellhom it-tifla F kienet qisha intelqet, imur id-dar u jsib id-dar imqallba u hi rieqda u fil-fatt kien beda jqatta' hin iktar mal-hbieb wara 1-gym. L-iktar haga li kien jiddejjaq li l-konvenuta kienet tkun dejjem fis-sodda, tant li lanqas biss kienet tohrog lit-tifla, u fil-fatt anke bottle, dejjem kiesah kienet taghtihulha, u f'zewg okkazjonijiet anke waqghetilha minn fuq is-sodda waqt li hi kienet rieqda.

Ftit wara kienu waqfu mir-relazzjoni taghhom. Jghid li hi ma kinitx riditu jitlaq pero` xorta telaq u kien qalilha biex jirrangaw ghat-tifla. Ghall-bidu hi ma riditx taf, u ma riditx tiftiehem mieghu u fil-fatt hallietu zmien twil minghajr ma jara lit-tifla. Pero' wara xi hames gimghat, hu kien avvicinaha minhabba t-tifla ghax xtaq jaraha u hi kienet accettat. Kienu ftehmu li jaraha regolarment u jtiha Eur 100 fix-xahar bhala manteniment. Dan 1-arrangament dam ghal madwar tlieta jew erba' xhur, meta bdiet iccempillu biex jara lit-tifla biss fil-weekends, biex hi tkun tista' tohrog mal-hbieb, sakemm darba bdiet tinsisti li jmur ghaliha s-Sibt biex hi tkun tista' tohrog, u hu ma setax, u hi qabdet u regghet qatghetlu 1-access.

Dak iz-zmien kien baqa` jmur kull nhar ta' Gimgha 1-Caritas, u fil-fatt anke ggradwa minn hemmhekk, u sal-lum ghadu jmur Sedqa u jaghti l-urine kull gimgha.

Jghid illi mit-twelid ta' Q, minhabba 1-kundizzjoni taghha, kien ikollhom hafna appuntamenti tal-isptar. Meta kienu ghadhom flimkien, it-tifla kellha xi

appuntament l-isptar li kienu fallew u ghalhekk mill-ewwel kienu dahlu l-Agenzija Appogg. Jghid li minn mindu dahlu l-Appogg beda jiehu l-affarijiet bis-serjeta'. Meta affrontawhom u saqsewhom ghalfejn ma hadux lit-tifla, F bdiet tghid li ma rcevewx l-appuntamenti. L-Appogg minn dak iz-zmien komplew isegwu l-kaz.

Jghid li kienu gew riferuti ghand specjalista Dr Giele li jigi Malta darbtejn fis-sena biss, darba biex jinvista n-nies u darba biex jopera u meta kellhom l-appuntament tat-tifla, F ma hadithiex. Jghid li hu kien hadha bi kbira hafna u mar l-Appogg fejn Stephanie Pamis mal-ewwel marret tkellmu. Jghid li spjegalha x'kien qed jigri u li ma kienx qed jara lit-tifla u segwa pass pass id-direttivi taghha. Jghid li ghamel madwar 9 xhur ma jarax lit-tifla.

Jghid li kien wasal il-Milied u Stephanie Pamis, kienet anke laqqaghthom gewwa l-Appogg biex jipprovaw jilhqu kompromess biex jibda jara t-tifla, pero' F kienet bdiet issemmi l-passat u regghu wehlu. Jghid li mbaghad kienu baghtu ghalih wahdu u qalulu x'kienet qed tipproponi l-konvenuta u hu kien accetta u beda jara lit-tifla. Wara xi xahar u nofs regghet qatatlu l-access ghaliex regghet ippretendiet li hu jehodha fil-weekend biex tkun tista` tohrog.

Fl-istess zminijiet, sar jaf li F ma kinitx haditha ghall-injections tal- MMR, il-Hepitisis B u lanqas ghand Dr Giele. Bl-ghajnuna tal-avukat tieghu, kien anke mexxielu jirranga biex jaghmlu appuntamenti ghall-injections u ma’ Dr Giele. Jghid li dak iz-zmien kien beda jinkwieta hafna fuq it-tifla. Kien imur hafna l-Appogg, u kien spiss jidhol fuq il-facebook page ta’ F u beda jara li kienet tkun sa filghodu kmieni bit-tifla go bars etc. Kien anke jmurl-ghassa ta’ Haz-Zabbar jitlobhom l-ghajnuna biex jaraw li t-tifla tkun safe, pero' peress li ma kellux digrieti ma kinux jghinuh. Gieli kienet anke tohrog wahidha u ma kienx ikollu idea ta’ fejn kienet tkun bintu; apparti li ma riedx lil bintu tkun fil- prezenza tal-partner ta’ ommha, ghax F kienet dejjem tghidlu li dan kien jidhol fuqha meta kienet tkun qed tbiddel jew tinhasel etc u allura ma riedx li bintu tghaddi mill-istess.

Jiftakar li kien imur jirraporta l-ghassa, madwar tliet darbiet fil-gimgha ghax ma kinitx ittih it-tifla, u kien iccempel kuljum lis-social worker Stephanie u lill-avukat tieghu. Kien ghalhekk li beda l-proceduri l-Qorti u kompla jmur kuljum ghand l-Appogg. Meta F bdiet thoss li hu u l-Appogg qed jahdmu id f'id ghal gid tat-tifla, hija kienet allegat li hu kien qed jerga’ juza’ d-droga. L-Appogg mill-ewwel kienu infurmawh u hu mill-ewwel offra li jtihom sample tal-urina. Fil-fatt minn dak iz-zmien baqa` jmur kull gimgha s-Sedqa u t-testijiet dejjem irrizultaw clean and sober.

F kienet irrifjutat li taghti l-urine taghha, u anke rrifjutat li taghmel il-kors tal-*parenting skills.* Sa dak iz- zmien ghalkemm ma kienx qed jara lit-tifla, kien ikun

jaf x’qed jigri minghand is-social worker, u minn fuq il-facebook ta’ F. Is-Social Worker kienet anke rrakkomandat fir-rapport taghha illi F tattendi sezzjonijiet gewwa s-Sedqa sabiex jigi vverifikat jekk hi tabbuzax mid-droga. Wara li intalbet l-urina, F kienet qalet li hi tkun fil-prezenza ta' nies li jpejpu l-ismoke u allura jista’ jkun li hi belghet xi ftit. Ftit wara, qatghet il-kuntatt kollu minn mas-social worker li bdiet iccemplilha imma F ma kinitx twegiba u meta kienu jipprovaw jaghmlu spot checks ghandha ma kinitx tifthilhom jew ma jsibuhix id-dar u fil-fatt ghamel zmien twil minghajr informazzjoni fuq it-tifla. Jghid li f'Marzu 2015 kellhom jiehdu lit-tifla bil-Marixxalli u l-Pulizija.

Jghid li hu beda jiehu korsijiet ghal gid tat-tifla, u kien ghamel il-kors tal-*Parenting skills*. Kemm ilu li ha lit-tifla baqa` dejjem ifittex l-ghajnuna tal-Appogg, u fil-fatt fil-bidu, Stephanie kienet tmur ghall-gharrieda d-dar tieghu biex jaraw kif qed izommha. Jehodha regolarment ghand il-paeditrician tal-Appogg, u ghall-appuntamenti kollha tal-isptar u tat-tobba.

Jghid li ftit wara kien anke kellem lill-Appogg biex forsi F terga’ tibda tara lit-tifla ghax it-tifla ghandha bzonnhom it-tnejn. Kienu pruvaw jikkomunikaw maghha, pero' kien difficli hafna; u fil-fatt kien wara xi xahar li hi rat lit-tifla. Kien anke cempel lill-omm F biex jaccerta ruhu li huma jarawha u kienu ffissaw granet u hinijiet biex huma jibdew jarawha. Pero' ftit wara F regghet bdiet taqla' l-problemi, daqqa li libbisha flokk zghir, daqqa li l-bottle mahmug, daqqa z-zarbun zghir u daqqa z-zarbun kbir u dejjem tara x’taghmel biex taqla’ l-glied. Sadanittant kienu bdew il-medjazzjoni u baqghu sejrin hekk sal-Milied 2015.

Fil-medjazzjoni kienu ftehmu kif hija ser tara lit-tifla fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena. Jum qabel il-Milied kienet cemplitlu biex tara hux ok, u hu kien qalilha li jekk trid, setghet tiehu lit-tifla saghtejn qabel u hi qaltlu “Mela t-tifla qieghda fuq zaqqek?” u hu ha ghalih u qatalha. Hi bdiet iccempillu u hu wegibha l-ghada fil-Milied, u accetta li jtihilha qabel. Jghid li dak iz-zmien hi kienet tahdem il-pitch gol-bar u qaltlu li riedet tmur tippancja. Hu qalilha li kien ser jistenniha tippancja u setghet tiehu t-tifla wara u dak il-hin qabdet u telqitlu bit-tifla. Hu mar warajha u hi qabdet twerzaq meta kellha lit-tifla fuqha. Dak il-hin beza ghax min jismaghha kien qisu qed isawwatha u baqa` sejjer l-ghassa. Bl-ghajnuna tal-pulizija, kien ha lura lit-tifla.

Jghid li meta rikbu fil-karozza ma' huh  it-tifla bdiet “Daddy sieq Mamma” u kien cempel lil tal-Appogg u qalilhom x’kien gara u kienu tawh appuntament. It- tifla ma tantx titkellem, u prattikament tirrepeti dak li tghidilha. Mar l-appuntament u hadulu r-rapport u l-ghada cemplulu mill-ghassa li F kienet marret tirraporta li kien sawwatha u qalulu biex imur.

Minn dak iz-zmien ‘l hawn, F ma regghetx rat lit-tifla u lanqas hu ma insista li taraha kif kien jaghmel qabel. Jispjega li kemm ilha mieghu it-tifla, ghalkemm hu jahdem kwazi kuljum, hu dejjem ha hsiebha u meta jkun xoghol dejjem jara li tkun playshool jew skola. Jghid ukoll li minn mindu ha lit-tifla dejjem ha hsieb tal-ispejjez kollha wahdu.

Jixhed ukoll **Saviour Theuma** in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali li jipprezenta Dok ST1 li huma l-beneficcji kollha li hadet il-konvenuta mit-2013 sat-2016 u jghid li fil-prezent ma hijiex qed tinghata beneficcji ghaliex id-Dipartiment ghandu nformazzjoni li qed tahdem u ghaliex lanqas ma tathom account number. Jghid li ma nhargux izjed children’s allowances mit-3 ta' Ottubru 2015. Mill-informazzjoni li ghandu d-Dipartiment, il-minuri ghadha qed tghix mal-konvenuta.

Tixhed **Stephanie Parnis** in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg, u inter alia tikkonferma l-kontenut tar-rapport taghha tas-6 ta' Awissu 2014 esebit fir-rikors generali 254/14 bil-gurament, kif ukoll in-nota taghha tal-11 ta' Marzu 2016 a fol 14. Tghid fost affarijiet ohra illi minn Jannar 2013 sa Mejju 2014 intilef il-kuntatt mal-attur u l-konvenuta, izda minn Mejju 2014, l-attur beda jzomm kuntatt regolari mal-Appogg. Tghid li l-kuntatt mal-konvenuta qatt ma kien regolari. Minn mindu l-attur ha l-kura u l-kustodja tat-tifla, l-minuri ghamlet progress kbir. L-attur kien attenda xi sessjonijiet ta' *parenting skills* izda l-konvenuta ma kinitx marret. Tghid illi qatt ma raw lill-minuri f'riskju meta kienet mal-konvenut, izda ma tistax titkellem kif kienet mal-omm ghax qatt ma kien hemm kooperazzjoni min-naha taghha. Tghid li l-missier dejjem zammha nadifa u pprovdielha kollox.

Jixhed **Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-Jobs Plus tal-ETC u jipprezenta l-*employment history* ta' A H u F K. L-attur ma huwiex qed jirregistra ghax-xoghol u lanqas jidher li qed jahdem, filwaqt li l-konvenuta ghandha zewg impjiegi part-time, bhala *waitress* Castille Hotel il-Belt u bhala *waitress* Pitch Casual Diner Marsaskala.

Tixhed **Vicky Scicluna** in rapprezentanza ta' Sedqa u inter alia tipprezenta rapport datat 26 ta' Settembru 2016, li jiccertifika li l-attur ghamel kuntatt maghhom f'Awissu 2015 u baqa` konsistenti fl-attendenza tieghu u tahom urine samples kull gimgha, sa Awissu 2016 meta waqqaf il-kuntatt ghaliex kien imhabbat biex iwaqqaf business tieghu. It-testijiet tal-urine kienu kollha negattivi u l-attur wera konsistenza u motivazzjoni u wera x-xewqa li jtejjeb aspetti tal-hajja tieghu specjalment habba t-tifla. Segwa wkoll kors ta' *parenting skills* fuq bazi individwali. Tghid li darba gab lit-tifla u din kienet mizmuma tajjeb u motivata izda dixxiplinata mill-missier. Tghid li ghalhekk il-kaz mac-Child Protection Services gie maghluq.

**Ikkunsidrat**:

**<u>Provvedimenti Legali applikabbli ghall-kaz</u>**

L-Artikolu 93 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"93. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 89, il- ġenituri ta' tfal imnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandhom lejn dawk it-tfal u d-dixxendenti tagħhom l-istess dmirijiet li jmantnuhom u jedukawhom bħalma għandhom lejn tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ, u dawk it-tfal għandhom kwantu għall-axxendenti tagħhom u qraba oħra l-istess jeddijiet u dmirijiet li għandhom tfal imwielda jew imnissla matul iż-żwieġ."*

L-Artikolu 7 tal-Kap. 16 jipprovdi:

*"7. (1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B."*

In kwantu l-obbligi versu l-ulied tal-genituri mhux mizzewga huma identici bhal dawl tal-genituri mizzewga, japplikaw ukoll is-segwenti provvedimenti.

L-Artikolu 3 B tal-Kap 16 jipprovdi:

*"3B. (1) Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż- żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied."*

*(2) L-obbligu li l-ġenituri għandhom li jipprovdu l-manteniment skont is-subartikolu (1) jinkludi ukoll l-obbligu illi, skont il-mezzi tagħhom, u fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li l-ulied, jew min minnhom, imantnu lilhom infushom kif xieraq, ikomplu jipprovdu manteniment adegwat lill-ulied:*
*(a) li jkunu studenti li qegħdin jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim full-time u huma taħt l-età ta' tlieta u għoxrin sena; jew*
*(b) li jkollhom diżabilità, kif imfissra fl-Att dwar Kap. 413. Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, kemm jekk hija fiżika jew mentali.*

*(3) L-obbligi msemmija fis-subartikolu (1) jorbtu wkoll lillpersuna li tkun qed taġixxi in loco parentis fir-rigward ta' wild ta' ħaddieħor, minħabba ż-żwieġ tagħha ma' ġenitur ta' dak il-wild, fejn il-ġenitur l-ieħor tal-istess wild, ikun, f'xi żmien qabel jew matul iż-żwieg, miet jew ġie iddikjarat bħala persuna assenti skont id-dispożizzjonijiet ta' Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb ta' dan il-Kodiċi, jew ma jkunx magħruf: Iżda dak provdut f'dan is-subartikolu jkun bla ħsara għallobbligi*

*tal-ġenituri naturali tal-wild u f'kull każ bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 149."*

L-Artikolu 19 tal-Kap 16 jipprovdi:
*"(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom."*

L-Artikolu 20 tal-Kap 16 jipprovdi:
*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew ilpensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti lmanteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru lpersuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust."*

L-Artiklu 149 tal-Kap 16 jipprovdi:
*"149. B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni oħra ta' dan il- Kodiċi, il-qorti tista', jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l- ordnijiet dwar il-persuna jew il- roprjetà ta' persuna li tkun taħt l- età kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel."*

**<u>Gurisprudenza in materja</u>**

Issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-2 ta' Dicembru 2005 fl-ismijiet **Isabelle Muscat pro et noe vs James Muscat,** fejn il-Qorti sahqet:

*"[il-Qorti] thoss li huwa fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, li jkollhom access adegwat kemm ghall-omm u kemm ghall-missier. Dan il-principju ma japplikax biss meta l-missier jew l-omm jagixxu b'mod abbusiv fil-konfront tal-minuri."*

F'sentenza ohra datata 5 ta' Dicembru 2014 fl-ismijiet **Marion Meli vs Emanuel Meli** l-Qorti ta' l-Appell, b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri in materja sahqet:

*"...din il-Qorti thoss li taqbel mal-ewwel Qorti li dan hu wiehed minn dawk il-kazi fejn il-kuntatt bejn l-ulied u l-genituri aktar jaghmel hsara milli gid.*

*Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet John Cutajar v. Amelia Cutajar (28 ta' Jannar 1956) l-istess Qorti qalet; "apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti 'in subiecta materia' li jiddetermina normalment il-kwistjonijiet bhal dawn in xorta ta' din il-kawza huwa dak tal-aktar utitlita` u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u de facto li jkunu irrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut".*

*Dan il-hsieb li huwa fuq kollox rifless fl-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li jghid li l-Qorti ghandha dejjem tiddeciedi fl-ahjar interess tal-minuri.*

*Anke fil-kawza fl-ismijiet Jennifer Portelli v. John Portelli (25 ta' Gunju 2003) l-istess Qorti qalet li "il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew fil-ligi antika u anke dik vigenti kif ukoll ta' gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantagg ghall-interess tal- istess tfal li c-cirkostanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikolari tal-mument ikunu jissugerixxu".*

L-istess jghodd ghal tfal imwieldin minn genituri mhux mizzewwgin. Dak li jiddetta kwalsiasi decizjoni li jikkoncernahom ghandu jkun l-aqwa interess taghhom, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

F'materja ta' manteniment, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Gunju 2009 **A B vs C B** [425/07NC), fejn inghad:

*"In tema legali jigi osservat li, ghalkemm il-manteniment dovut ghandu jkun proporzjonat bejn il-mezzi tal-konvenuta u l-bzonnijiet tal-minuri, jibqa' ferm il-principju li "kull genitur ghandu obbligu jikkontribwixxi ghall-ghixien u l-manteniment tal-ulied, u ghal dan il-ghan kull genitur ghandu jara x' jaghmel biex jaghmel sforz genwin [anke a skapitu tal-interessi personali tieghu] biex*

*imantni lill-ulied li jkun gab fid-dinja"*[1] *multo magis meta, bhal fil-kaz prezenti, il-genitur, allura l-konvenuta, kapaci tahdem u tiggenera ntrojtu."*

**Ikkunsidrat**:

**<u>Kura u Kustodja</u>**

Jirrizulta mill-atti tar-rikors generali 254/14 illi b'digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Marzu 2015, l-attur inghata l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Q, b'dan illi l-minuri ilha minn dak iz-zmien tirrisjedi mieghu. Jirrizulta wkoll illi l-konvenuta ilha mill-Milied tas-sena 2015 ma tara lit-tifla, u dan wara li sehh incident bejn il-partijiet li fih intervjeniet il-Pulizija ezekuttiva.

Il-Qorti qieset bir-reqqa x-xhieda tal-attur kif ukoll id-diversi rapporti tal-Agenzija Appogg dwar il-minuri. Qieset ukoll li minkejja storja ta' abbuz mid-droga, l-attur mhux biss jidher li hareg minn dan il-vizzju izda jirrizulta wkoll li ghamel u ghadu qed jaghmel hiltu sabiex jaghti lil bintu trobbija tajba u l-attenzjoni kollha li ghandha bzonn. Dan huwa kkonfermat mhux biss mid-diversi noti pprezentati mill-Agenzija Apoogg, izda wkoll mir-rapport mahrug mill-Agenzija Sedqa (fol 91) illi jiccertifika inter alia illi l-attur *"...has shown considerable progress and attainment of the necessary competencies at parenting his daughter."*

Da parti taghha l-konvenuta hija kontumaci f'dawn il-proceduri. Mix-xhieda ta' Stephanie Parnis in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg, jirrizulta illi l-konvenuta qatt ma kkoperat maghhom, filwaqt li minn Mejju tas-sena 2014 'l quddiem, l-attur dejjem ikkopera u segwa d-direzzjonijiet u l-gwidi taghhom. Tikkostata wkoll illi l-minuri ghamlet progress kbir minn mindu giet fdata lill-missier, liema progress gie kkonfermat ukoll mill-*coordinator* tan-nursery fejn tattendi l-minuri.

Fl-isfond ta' dan kollu, u fid-dawl tal-fatt li l-konvenuta ma uriet ebda interess la fl-odjerni proceduri, u ghal bosta xhur, lanqas biex tara lil bintha, din il-Qorti hi tal-fehma ferma li l-interess suprem tal-minuri jiddetta illi hija tigi fdata fil-kura u l-kustodja esklussiva ta' missierha l-attur.

Il-Qorti hi tal-fehma, anke tenut kont tal-kundizzjoni medika tal-minuri, illi decizjonijiet dwar is-sahha, edukazzjoni u safar tal-minuri ghandhom jittiehdu mill-attur qua "custodial parent". Dan jinghad anke ghaliex diversi drabi jigri illi dwar dawn il-materji jkun mehtieg li jittiehdu decizjonijiet fi zmien qasir u ma jkunx fl-interess tal-minuri illi tali decizzjonijiet jigu mtawla possibilment ix-xhur

1 App.169/03 B vs B deciz 3 ta' April 2009

konsegwenza tal-fatt li ma jkunx hemm qbil bejn il-genituri, jew ghaliex l-omm ma tkunx tista` tigi rintraccata.

**<u>Access</u>**

Ghalkemm fit-tieni talba tieghu, l-attur jitlob lil din il-Qorti tiffissa l-granet u l-hinijiet ta' access f'liema l-konvenuta ghandha tara lill-minuri, permezz ta' digriet tat-12 ta' Mejju 2016, din il-Qorti issospendiet l-access tal-omm versu l-minuri sakemm ma tinghatax ordni ohra. Waqt l-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2016, id-difensuri tal-attur, b'referenza ghall-istess verbal issottomettew illi fic-cirkostanzi attwali, il-Qorti ma ghandhiex tordna access favur l-omm.

In linea generali jinghad illi huwa fl-ahjar interess ta' kull tifel jew tifla illi jqattghu zmien kemm ma' missierhom u kemm ma' ommhom. Dan jinghad sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji bhal ma hu abbuz, fejn allura l-aqwa interess tal-minuri jkun jiddetta xort'ohra.

Fil-kaz odjern, ghalkemm sal-lum il-konvenuta ma hijiex qed tara lill-minuri, u lanqas ma jidher li ghamlet xi tentattivi sabiex dan l-istat ta' fatt jinbidel, din il-Qorti ma thossx li jezistu ragunijiet gravi bizzejjed sabiex tikkonkludi li access tal-konvenuta lejn il-minuri jista` jkun ta' hsara ghall-istess minuri. Ghalhekk il-Qorti qed tirrizerva d-dritt lill-konvenuta illi f’kaz li fil-futur hija tiddeciedi li tibda tezercita access ghaliha, ghandha qabel xejn taghmel talba lill-Qorti.

**<u>Manteniment ghall-Minuri</u>**

Jirrizulta assodat fil-gurisprudenza patria illi l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b’dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jigi kkalkulat skont id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ahjar skont il-mezzi taghhom u l-bzonnijiet tal-minuri, dejjem fl-interess suprem ta' l-istess minuri. Jezistu elementi importanti in materja ta’ manteniment bhal ma huma l-ispejjez bazici ta’ spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li jridu jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun xi jkun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibilitajiet tieghu.

Applikati l-provvedimenti legali u l-gurisprudenza aktar 'l fuq citata ghal kaz in ezami, u in vista tal-fatt li kif johrog mill-*employment history* tal-konvenuta (fol 82), hija ghandha zewg impjiegi part-time, il-Qorti hi tal-fehma illi hija ghandha tikkontribwixxi ghat-trobbija ta' bintha minuri.

In vista ta’ tali konsiderazzjonijiet il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi adegwatament ghall-htigijiet ta’ binhta minuri. Jehtieg ghalhekk

illi jigi stabbilit il-quantum ta' tali manteniment, li jkun jirrifletti mhux biss il-mezzi tal-konvenuta, izda wkoll il-bzonnijiet tal-minuri, li ghadha ferm zghira. Fil-kaz odjern, m'hemm l-ebda prova la tal-qliegh ta' l-attur u lanqas tal-konvenuta, izda tenut kont ta' dan kollu, kif diga' gie rilevat, it-tifla ghandha d-dritt ghall-manteniment.

Il-Qorti ghalhekk tistabilixxi u tordna illi l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment ghall-minuri s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar,  li ghandha tizdied kull sena skond iz-zieda tal-gholi tal-hajja registrat fl-indici ufficjali tal-gvern, u li ghandha tinqata' direttament mill-paga tal-konvenuta kull fejn dina tista' tkun qeghda tahdem, jew mill-beneficcji socjali li tista` tkun qed tircievi, u tigi mhallsa direttament lill-attur.

Ghal finijiet ta' pratticita` u a skans ta' intoppi fil-komunikazzjoni bejn il-partijiet, dan il-manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Il-manteniment jieqaf hekk kif il-minuri taghlaq it-tmintax-il sena, jew tlieta u ghoxrin sena, jekk tkun studenta *full-time*, kemm-il darba din ma jkollhiex impieg full-time qabel.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenuta,:

1. Tilqa` l-ewwel talba u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Q H esklussivament f'idejn ir-rikorrent missierha b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe' dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno ta' passaport, jittiehdu esklussivament mill-missier wahdu minghajr htiega tal-firma ta' omm il-minuri;

2. Tichad it-tieni talba.

3. Tilqa` t-tielet talba u tiffissa l-manteniment li l-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar,  li ghandha tizdied kull sena skond iz-zieda tal-gholi tal-hajja registrat fl-indici ufficjali tal-gvern. Dan il-manteniment jinkludi wkoll l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni, u ghandu jibqa` fis-sehh, f'kaz li l-minuri tkompli tistudja, sakemm taghlaq it-tlieta u ghoxrin sena, jew sakemm tibda tahdem *full-time* skond liema tigi l-ewwel.

4. Tilqa` r-raba` talba u tordna li l-manteniment ghandu jinqata` direttament mill-paga tal-konvenuta kull fejn dina tista' tkun qeghdha tahdem, jew minn kwalsiasi beneficcju socjali li tista` tkun qed tircievi minn zmien ghal zmien.

5. Tichad il-hames talba in kwantu ma ngabux provi in rigward.

L-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**